



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 22.12.2010
KUMM(2010) 772 finali

2010/0372 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 378/2007 fir-rigward tar-regoli għall-implimentazzjoni ta' modulazzjoni volontarja ta' pagamenti diretti skont il-politika agrikola komuni

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Allinjament mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE):

It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-Trattat) jagħmel distinzjoni bejn is-setgħat iddelegati lill-Kummissjoni biex tadotta atti mhux leġiżlattivi ta' applikazzjoni ġenerali biex jissupplimentaw jew jemendaw ċerti elementi mhux essenzjali tal-att leġiżlattivi kif stipulat fl-Artikolu 290(1) tat-Trattat (atti ddelegati), u s-setgħat ikkonferiti lill-Kummissjoni biex tadotta kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-atti tal-Unjoni li jorbtu legalment kif stipulat fl-Artikolu 291(2) tat-Trattat (atti ta' implimentazzjoni).

Fil-każ ta' atti ddelegati, il-leġiżlatur jiddelega lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti kważi leġiżlattivi. Fil-każ ta' atti ta' implimentazzjoni, il-kuntest huwa differenti ħafna. Tabilħaqq, l-Istati Membri huma primarjament responsabbli għall-implimentazzjoni ta' atti tal-Unjoni Ewropea li jorbtu legalment. Madankollu, jekk l-applikazzjoni tal-att leġiżlattiv tesiġi kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tagħha, il-Kummissjoni awtorizzata tadotta dawn l-atti.

L-eżerċizzju ta' allinjament tar-Regolament (KE) Nru 378/2007 dwar regoli ġodda tat-Trattat hu bbażat fuq klassifikazzjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni li għandha l-Kummissjoni bħalissa bbażata fuq filosofija ġdida. Din il-klassifikazzjoni wriet li s-setgħat kollha li nġhatat il-Kummissjoni permezz ta' dan ir-Regolament jagħtuha l-kompetenza tadotta atti ta' implimentazzjoni.

Wara dan l-eżerċizzju, kien tħejja abbozz ta' proposta għal emenda tar-Regolament (KE) Nru 378/2007. Il-prinċipji ġenerali, il-metodu ta' kalkolu, l-applikazzjoni reġjonali u l-użu tal-ammonti modulati huma deċiżi mil-Leġiżlatur.

L-Istati Membri, skont l-Artikolu 291 tat-Trattat, huma responsabbli li jimplementaw l-iskema stabbilita mil-Leġiżlatur. Madankollu, jidher li hu neċessarju li tkun żgurata implimentazzjoni uniformi tal-iskema volontarja ta' modulazzjoni. Għalhekk, il-Leġiżlatur jagħti s-setgħat lill-Kummissjoni biex tiffissa, skont l-Artikolu 291(2) tat-Trattat, l-ammonti netti li jirriżultaw mill-modulazzjoni volontarja (Artikolu 4(1)) u tadotta regoli dettaljati dwar l-integrazzjoni ta' modulazzjoni volontarja fl-ipprogrammar ta' żvilupp rurali (Artikolu 6(a)) u l-ġestjoni finanzjarja ta' modulazzjoni volontarja (Artikolu 6(b)).

2. RIŻULTATI TA' KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET INTERESSATI U VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Konsultazzjoni mal-partijiet interessati**
- **Ġbir u użu ta' għarfien espert**

Ma kienx hemm il-ħtieġa li ssir konsultazzjoni ma' partijiet interessati jew ta' għarfien espert.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Ma kienx hemm il-ħtieġa li ssir valutazzjoni tal-impatt.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

- **Sommarju tal-azzjoni proposta**

Li jiġu identifikati s-setgħat ddelegati u ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 378/2007 u li tiġi stabbilita l-proċedura korrispondenti għall-adozzjoni ta' dawn l-atti.

- **Bażi legali**

L-Artikolu 43 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

- **Prinċipju tas-sussidjarjetà**

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

- **Prinċipju tal-proporzjonalità**

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità.

- **Għażla ta' strumenti**

Strument propost: Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Mezzi oħra mhumiex adegwati għar-raġuni li ġejja: Regolament għandu jkun emendat b'Regolament.

4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Din il-miżura ma tinvolvi l-ebda infiq addizzjonali għall-Unjoni.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 378/2007 fir-rigward tar-regoli għall-implimentazzjoni ta' modulazzjoni volontarja ta' pagamenti diretti skont il-politika agrikola komuni

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni¹,

Wara li bagħtu l-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew²,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regjuni³,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 378/2007 tas-27 ta' Marzu 2007 li jistabbilixxi regoli għal modulazzjoni volontarja ta' pagamenti diretti previsti fir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa⁴ jagħti s-setgħat lill-Kummissjoni sabiex timplimenta xi wħud mid-dispożizzjonijiet ta' dak ir-Regolament.
- (2) Bħala konsegwenza tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Liżbona, il-poteri mogħtija taħt ir-Regolament (KE) Nru 378/2007 lill-Kummissjoni jeħtieġu jkunu allinjati mal-Artikoli 290 u 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-Trattat).
- (3) Sabiex tiġi ggarantita applikazzjoni uniformi ta' modulazzjoni volontarja tal-pagamenti diretti fl-Istati Membri kollha, il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa tadotta atti ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 291 tat-Trattat. Salv fejn hu pprovdut espliċitament mod ieħor, il-Kummissjoni għandha tadotta dawk l-atti ta' implimentazzjoni skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru [xxxx/yyyy] tal-Parlament Ewropew u tal-

¹ ĠU C , , p. .

² ĠU C , , p. .

³ ĠU C , , p. .

⁴ ĠU L 95, 5.4.2007, p. 1.

Kunsill fi... [din l-informazzjoni għandha tiddaħħal wara li jiġi adottat ir-regolament dwar il-mekkaniżmi tal-kontroll, kif imsemmi fl-Artikolu 291(3) tat-TFUE, li bħalissa hu soġġett għad-diskussjoni fil-Parlament Ewropew u l-Kunsill].

- (4) Sabiex ikun żgurat li jkun hemm implimentazzjoni effiċjenti ta' modulazzjoni volontarja l-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tiffissa l-ammonti netti li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' modulazzjoni volontarja. Minħabba n-natura tal-atti ta' implimentazzjoni proġettati, il-Kummissjoni għandha tadotta dawk l-atti mingħajr l-għajjnuna ta' kumitat.
- (5) Għall-istess raġuni l-Kummissjoni għandha tkun imħeġġa tadotta atti ta' implimentazzjoni bl-għajjnuna tal-Kumitat ta' Żvilupp Rurali kif stabbilit bl-Artikolu 91c tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 tal-20 ta' Settembru 2005 dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)⁵ sabiex tiżgura l-integrazzjoni ta' modulazzjoni volontarja fl-ipprogrammar tal-iżvilupp rurali. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tkun imħeġġa tadotta atti ta' implimentazzjoni bl-għajjnuna tal-Kumitat dwar il-Fondi Agrikoli stabbilit permezz tal-Artikolu 42d(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar il-finanzjament tal-Politika Agrikola Komuni⁶, sabiex tiżgura l-ġestjoni finanzjarja ta' modulazzjoni volontarja.
- (6) Ir-Regolament (KE) Nru 378/2007 għandu għalhekk ikun emendat kif xieraq,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 378/2007 huwa emendat kif ġej:

- (1) Fl-Artikolu 4(1), il-frażi introduttorja tinbidel b'dan li ġej:

"L-ammonti netti li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' modulazzjoni volontarja għandhom jiġu ffissati mill-Kummissjoni, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni mingħajr l-għajjnuna ta' kumitat, abbażi ta':"

- (2) L-Artikolu 6 għandu jiġi ssostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 6

1. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 91c tar-Regolament (KE) Nru 1698/2005, tadotta dispożizzjonijiet speċifiċi għall-integrazzjoni ta' modulazzjoni volontarja fl-ipprogrammar ta' żvilupp rurali.

⁵ ĠU L 277, 21.10.2005, p. 1.

⁶ ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1.

2. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 42d(3) tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005, tadotta dispożizzjonijiet speċifiċi għall-ġestjoni finanzjarja ta' modulazzjoni volontarja."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA

AGRI/I.1-D/852099(MB/tm)
6.15.2010.1

DATA: 03/11/2010

1. INTESTATURA TAL-BAĠIT: 05 03 Għajjniet Diretti 05 04 Żvilupp Rurali		APPROPRJAZZJONIJIET		
2. TITOLU: Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 378/2007 fir-rigward tar-regoli għall-implimentazzjoni ta' modulazzjoni volontarja ta' pagamenti diretti skont il-politika agrikola komuni				
3. BAŻI LEGALI: L-Artikolu 43 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE)				
4. GĦANIJIET: Sabix is-setgħat ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni li jinsabu fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 378/2007 jiġu allinjati mad-differenzjazzjoni bejn is-setgħat iddelegati u ta' implimentazzjoni li ġew introdotti permezz tal-Artikoli 290 u 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE)				
5. IMPLIKAZZJONIJIET FINANZJARJI	PERJODU TA' 12-IL XAHAR (miljuni ta' EUR)	SENA FINANZJARJA ATTWALI 2010 (miljuni ta' EUR)	SENA FINANZJARJA TA' WARA 2011 (miljuni ta' EUR)	
5.0 NEFQA - IMĦALLSA MILL-BAĠIT TAL-KE (RIFUŻJONIJIET/INTERVENTI) - AWTORITAJIET NAZZJONALI - OĦRAJN	-	-	-	
5.1 DĦUL - RIŻORSI TAL-KE STESS (IMPOSTI / DAZJI DOGANALI) - NAZZJONALI	-	-	-	
5.0.1 NEFQA STMATA	2010	2011	2012	2013
5.1.1 DĦUL STMAT	-	-	-	-
5.2 METODU TA' KALKOLU: -				
6.0 JISTA' L-PROĠETT Jiġi FFINANZJAT MILL-APPROPRJAZZJONIJIET IMDAĦĦLA FIL-KAPITOLU RILEVANTI TAL-BAĠIT PREŻENTI?				IVA LE
6.1 JISTA' L-PROĠETT Jiġi FFINANZJAT BI TRASFERIMENT BEJN IL-KAPITOLI TAL-BAĠIT PREŻENTI?				IVA LE
6.2 HEMM BŻONN TA' BAĠIT SUPPLIMENTARI?				IVA LE
6.3 SE JKUN MEĦTIEĠ ILLI JIDDAĦĦLU APPROPRAZZJONIJIET F'BAĠITS FUTURI?				IVA LE
OSSERVAZZJONIJIET: Il-mira tal-proposta hi li s-setgħat tal-Kummissjoni li jinsabu fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 378/2007 jiġu allinjati mad-differenzjazzjoni bejn is-setgħat iddelegati u ta' implimentazzjoni li ġew introdotti permezz tal-Artikoli 290 u 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Dan ma jinvolve l-ebda tibdil fil-baġit komunitarju.				